MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 907/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Alfred Mansueto (K.I. 424779M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet mija disa' u tletin ewro u sitt centezmi (€339.06) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnesjoni ma' 'mobile phone' bin-numru 9943 4875.

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficjali numru 2833/09 u tal-mandat ta' qbid numerat 3486/08 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-datat tal-pagament

effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fil-11 ta' Mejju, 2010 mill-Avukat Dr. Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------